**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR MICHELA SPITERI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 20 ta' Ottubru, 2017**

Kawza Numru: 25/2017MS

Karen Camilleri et

vs

Clayton Debono et

It-Tribunal

Ra l-avviz ipprezentat fl-4 ta' Mejju 2017 fejn ir-rikorrenti talbu illi l-intimati jigu kkundannati jhallasu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) rapprezentanti depozitu imhallas ghall-installazzajoni ta' pannelli liema pannelli qatt ma gew installati.

Ra li fil-10 ta' Mejju 2017 l-kawza giet appuntata ghas-smigh ghal nhar is-16 ta' Gunju 2017 (fol 5) liema seduta giet differita ghal nhar l-14 ta' Lullju 2017 minhabba bidla fil-gudikant. (fol 9)

Ra li fit-12 ta' Mejju 2017, l-intimat Clayton Debono kif ukoll is-socjeta' intimata Power Plus Ltd gew debitament notifikati bl-avviz tas-smigh u bid-dokumenti (fol 3 u 4), izda baqghu ma ressqu l-ebda risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta mizmuma quddiem dan it-Tribunal fl-14 ta' Lulju 2017.

Sema' l-provi u ra l-affidavit ipprezentat u debitament guramentat seduta stante;

Ra illi r-rikorrenti ddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Ra d-dokumenti esebiti u l-atti kollha tal-process;

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din it-talba, r-rikorrenti qeghdin jitlobu l-hlas minghand l-intimati, tas-somma hames mitt Euro (€500.00), depozitu mhallas mir-rikorrenti lill-intimati ghall-installazzjoni ta' sistema ta' pannelli solari, liema sistema qatt ma giet installata wara li l-ordni giet ikancellata mir-rikorrenti fi zmien stipulat mill-ligi.

Illi effettivament irrizulta illi l-intimat Clayton Debono personalment u ghan-nom ta' Power Plus Ltd kien avvicina lir-rikorrent Michael Camilleri sabiex ihajru jinstalla sistema ta' pannelli solari ghad-dar taghhom. Fit-23 ta' Frar 2016 gie redatt quotation bin-numru 01249 ghal din l-installazzjoni fejn thallas ukoll depozitu ta' hames mitt Euro (€500.00). Sussegwentement irrizulta li din l-installazzjoni ma kenitx ser tkun ta' beneficcju ghan-negozju tar-rikorrentili originarjament kellhom il-hsieb tal-beneficcju taghha peress li s-sistema kienet ser tapplika biss ghad-dar residenzjali taghhom. Skond Karen Camilleri, wara erbat ijiem cemplet lil Debono u infurmatu li kienu ddecidew illi ma jaghmlux il-pannelli u talbuh jibghat ic-cekk tad-depozitu lura. Fit-2 ta' Marzu 2016 Debono mar fir-residenza tar-rikorrenti sabiex jipprova jikkonvincihom jipprocedu bis-sistema, izda r-rikorrenti ma riedux. Fit-3 ta' Marzu 2016, ir-rikorrenti regghu talbu c-cekk lura izda baqghu minghajr risposta. Minkejja dan, xi hadd mill-ufficju tal-intimat cempel lir-rikorrenti ghall-appuntament biex jinstallaw il-pannelli. Ir-rikorrenti regghet ikkomunikat mal-ufficju tal-intimat fil-11 ta' April 2016, fejn ghal darb'ohra talbithom il-flus tad-depozitu lura. Minflok, fil-21 ta' April 2016 irceviet voucher ta' hames mitt Euro (€500.00) minghajr firma u minghajr data, fejn giet infurmata li dik il-voucher setghet tissarraf f'xi prodotti ohra tal-intimati. Ir-rikorrenti ma kienux interessati f'din il-proposta u meta baqghu ma semghu xejn aktar minghand l-intimati, ir-rikorrenti bdew proceduri legali permezz tal-avukat taghhom.

Illi fis-seduta mizmuma nhar l-14 ta Lulju 2017, ir-rikorrenti kkonfermat bil-gurament li l-ammont reklamat ghadu dovut fl-intier tieghu.

Ikkunsidra

Illi l-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap 380) jiprovvdi espressament fl-Art. 9 (2) li gudikatur ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata' sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is-smigh ma jitwalx iktar minn seduta wahda;

Imbaghad l-Art 13(b) tal-istess Att jipprovdi hekk:

*Jekk xi parti tonqos milli tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, d-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom ighoddu:*

*Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut ……*

Illi minn qari ta' l-ahhar disposizzjoni hawn fuq imsemmija, hija mhollija fid-diskrezzjoni tat-Tribunal jekk huwa jiddiferixxi l-kawza jew le ghal ġurnata ohra sabiex jisma lill-intimat f'kaz li dan ma jidhirx quddiemu. Tali dispozizzjoni naturalment m'ghandhiex tigi implimentata b'mod li taghti lok ghal ksur tad-dettami tal-gustizzja naturali.

Fil-kaz odjern, jidher li ghalkemm l-intimati gew debitament notifikati, la ressqu risposta fit-terminu preskritt mill-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta miżmuma quddiem it-Tribunal u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni jew spjegazzjoni ohra li b'xi mod turi li dak li ntqal mis-socjeta rikorrenti m'ghandux mis-sewwa.

Illi t-Tribunal josserva illi minkejja bil-hlas ta' depozitu ordinarjament il-kuntratt bejn ix-xerrej u l-bejjiegh ikun konkjuz, f'dan il-kaz peress illi kien il-bejjiegh li avvicina lix-xerrej, jiskatta t-terminu ta' hmistax - il gurnata f'liema zmien ix-xerrej jista' jerga' jahsibha u jirtira min-negozju li jkun ghamel. Ix-xerrejja, f-dan il-kaz ir-rikorrenti, osservaw it-terminu preskritt mil-ligi u meta rrejalizzaw illi forsi s-sistema kif proposta ma kenitx ser tkun tal-aspettativa taghhom, allura bidlu l-hsieb u infurmaw

b'dan lill-intimati li ma kellhom alternattiva hlief li jirrifondu d-depozitu mhallas. It-Tribunal ghalhekk huwa sodisfatt li fil-kawza odjerna, r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw t-talba fil-grad li trid il-ligi, filwaqt li l-intimati ma ressqu l-ebda kontestazzjoni;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lill-intimati in solidum li jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) bl-imghaxijiet legali mid-data ta' din is-sentenza. Bl-ispejjez a karigu tal-intimati.

Dr Michela Spiteri LL.D
*Ġudikatur*

Daniel Sacco
*Deputat Reġistratur*